## Apprezzament

# JOHNNY SCICLUNA



Nhar l-Erbgħa 29 ta' Diċembru, 2004, għall-ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofsinhar, tħabbret il-mewt ta' seħibna Johnny Scicluna (iż-Żambura) fl-età ta' 85 sena.

Johnny Scicluna twieled Bormla nhar it-28 ta' Diċembru, 1919 minn Joseph u Concetta (née Gatt). Huwa trabba, iżżewweġ u għex ġewwa Bormla u kellu ħamest itfal.

Huwa kien devot kbir tal-Patruna tagħna, l-Immakulata Kunċizzjoni u ħadem ħafna mal-Prokuratur tal-festa tal-Kunċizzjoni, il-Kanonku Dun Ġorġ Abela. Kien jiddisinja u jisfuma l-pavaljuni kif ukoll ipinġi fuq il-bandalori.

Is-Sur Johnny Scicluna ħa sehem attiv u ħadem ħafna fil-festa taċ-ċinkwantinarju tal-kwadru tal-Kor fl-1955.

Johnny kien jaħdem fit-Tarzna ta' Bormla, fejn għal ħafna żmien ħadem bħala *fitter*, u meta spiċċa bil-pensjoni baqa' jgħin f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festa. Meta tkun qed toqrob il-festa titulari, kien jibda jdur ma' Bormla biex jara jekk hemmx xi ħaġa nieqsa mill-armar tal-festa.

Huwa kien iħobb dak kollu li hu Bormliż, kemm il-*football*, regatta, banda, Ġimgħa l-Kbira kif ukoll naturalment il-festa tal-Kunċizzjoni. Huwa ħadem ukoll fuq karrijiet tal-Karnival fis-snin ħamsin, kif ukoll baqa' jagħmel disinji għall-pavaljuni tal-gallarijiet għal individwi.

Johnny baqa' sa l-aħħar jagħti sehmu, għalkemm kien anzjan. Baqa' jara u jaqra l-programm tal-festa kemm meta kien l-isptar kif ukoll meta kien id-dar. Żgur li Marija Immakulata ressqitu lejn il-Mulej, sabitlu post fejn ikun jisa' jgawdiha għal dejjem.

Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Grazzi Johnny Scicluna.



